# IL-PJAN TAL-LEZZJONI-UNIT 6.3

**Kap 6: Iċ-Ċirku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.3: Il-Ħbieb jgħinuna**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jagħrfu aktar l-importanza tal-ħbieb f'ħajjithom
   - fosthom li jaqsmu xi affarijiet magħhom.
2. Jifhmu kif ħbieb tajba jgħinu biex kulħadd jikber bil-għaqal.

3.Jaraw kif meta jkunu mdawra bi ħbieb tajbin kulħadd iħossu tajjeb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

= Song: The Friendship Song by Carbon Leaf

: http://www.youtube.com/watch?v=tKwhLP4Mwg8

= storja ta' żewġ blalen

= stampi ( li tista' ssib inti): ta' blalen  migrufin u maħmuġin/ tfal jilagħbu futbol ballun fuq bejt /fix-xemx.



= Craft – Friendship Necklace

= Karta ta' Taħriġ 6.3

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

= Staqsi lit-tfal b'mod individwali x'jaqsmu ma' ħbiebhom.

= Erġa' fakkar:

- ix-xogħol tal-iskola jew tad-dar;
- x'nagħmel fil-ħin liberu;
- x'nagħmlu fl-għaqda li nattendi;
- x'isir fir-raħal;
- xi smajt fl-aħbarijiet;
- kif inħossuna llum;
- x'inħobbu u x'ma nħobbux;
- x'inhu l-passatemp tagħna;
- fejn inħobb immure;
- xi sigriet tiegħi.



=Irrakkonta storja ta' żewġ blalen fejn naraw kif nistgħu nsiru aħjar aħna u nagħmlu aħjar lill-oħrajn.

(Xi tfal iżommu placards bl-istampi għal waqt l-istorja.)

ŻEWĠ BLALEN

Żewġ blalen tal-futbol! Kienu jilagħbu bihom it-tfal. Ma kellhomx omm u missier li jieħdu ħsiebhom. Kienu jgħixu ġo bitħa, bħal ta' skola. Darba, wieħed mill-blalen iddejjaq."Kemm se ndum hekk, dejjem naqla' d-daqqiet?" Meta ż-żewġ blalen kienu fil-cupboard, qal lil sieħbu, il-ballun l-ieħor: "Xbajt naqla' daqqiet bis-sieq, jixxuttjawni 'l hemm u 'l hawn, nitħammeġ, iħabbtuni mal-ħajt ta' wara l-lasti!... Taf x'nagħmel? Inħallihom jagħtu xutt qawwi ħalli mmur fuq il-bejt ta' ħdejna, u noqgħod hemm għax-xemx."

Il-ballun l-ieħor qallu: "Aħna mhux għalhekk qegħdin? Xogħolna hu li t-tfal jiġru warajna u kif jilħquna, jagħtuna bis-sieq, u jiskurjaw, u jifirħu. Jien hawn se nibqa'. L-ieħor għaddiet ta' rasu. Xutt ta' tifel goff, qabbżu l-fence u tefgħu fuq il-bejt. Il-ballun dawwar idejh taħt rasu, bħal imħadda, u qagħad jiggosta x-xemx b'wiċċu 'l fuq.

Għall-ewwel kien komdu; ftit ġranet wara bdiet tqattar ix-xita, imbagħad ġiet ix-xemx, ma baqax ileqq għax ħadd ma naddfu, u bil-mod il-mod il-ballun beda jinżel, beda jsir ikrah, beda jimrad, niżel kollu, u miet. U l-ieħor fejn kien? F'nofs it-tfal tal-bitħa, jilagħbu ferħanin. U meta spiċċat il-logħba, tifel minnhom ġabru u għafsu miegħu. Imbagħad mar fil-kamra, u qabel poġġieh fil-cupboard, tah bewsa sabiħa.

- <u>Fakkar li :</u>

- Hawn tfal li jagħmlu bħall-ballun li ħaseb għalih biss, li ma jferrħu lil ħadd.
- Il-ħajja tiegħi, is-sabiħ tiegħi, iridu jkunu rigal għall-oħrajn.

.. U BALLUN IEĦOR

Kien hemm xi tfal jilagħbu fi grawnd żgħir, imdawwar bil-fence. Ta' min kien il-ballun, keċċa lil tifel ieħor mill-ground; ma ridux jilgħab. Dan baqa' jarahom minn wara l-fence, u anke kellu d-dmugħ. Malli l-ballun qabeż il-fence u ġie f'saqajh, ġietu idea li jagħtih xutt u jitfgħu fuq il-bejt, fil-għoli. F'moħħu ġieh ix-xutt tiegħu u l-ballun tela' lejn il-bejt. X'jagħmel? Qabad il-ballun u mar jagħtih lil dak li kien keċċieh. It-tfal ferħu bih u ħallewh jilgħab magħhom. Kulħadd kien ferħan.

<u>Fakkar:</u>

- U biex madwarna kulħadd ikun ferħan, hekk għandna nagħmlu aħna wkoll.
- Naraw kif nistgħu nsiru aħjar aħna u nagħmlu aħjar lill-oħrajn.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

= Fakkar li : Il-ħbieb tajbin ma joqogħdux mingħajr xulxin. Meta tifel jew tifla, li jkunu ħbieb ħafna tagħna, ma jiġux l-iskola - forsi għax ma kinux jifilħu - aħna naħsbu fihom u nifirħu meta nerġgħu narawhom magħna. Hekk nikbru lkoll bil-għaqal.



=Emfasizza lit-tfal:

Għalhekk għandna bżonnhom il-ħbieb għax:

**1.Il-ħbieb jifirħu magħna.**

Jekk inkunu qed nagħmlu xi eżami jimbuttawna biex nirsistu u jgħinuna ma naqtgħux qalbna.

**2. Inħarsu lejhom bħala mudell biex nimxu bħalhom.**

Kull ħabib għandu xi ħaġa li tgħinna nagħmlu l-affarijiet sew. Narawhom jilqgħu tifħir u aħna naħsbu kif nistgħu nagħmlu bħalhom.

**3. Il-ħbieb jgħinuna fil-ħiliet biex inkabbruhom.**

Kultant ma nirnexxux f'dak li għandna nwettqu, għax naħsbu li mhux kapaċi. Kultant il-ħbieb jaraw il-kapaċità u l-potenzjal u jagħtuna l-għajnuna li naslu biex inwettqu sew dak li nkunu qed nagħmlu.

**4. Meta nibku hemm ikunu biex jieqfu magħna.**

Kulħadd jista' jiżbalja jew jitlef waqt xi logħob. Huma jgħinuna biex nagħmlu aħjar.

U jdaħħkuk b'xi ċajta u int jgħaddilek kollox.

**5. Il-ħbieb jgħallmuk kif iġġib ruħek fi grupp.**

Kultant tant inkunu nistħu nippruvaw xi ħaġa quddiem grupp li neħlu u ma jirnexxilniex. Imma meta naħdmu ma' ġenb il-ħbieb naraw l-enerġija tiżdied u jirnexxilna aktar milli ħsiebna.

L-aktar ħaġa sabiħa hi li dan kollu jiġri meta nagħmlu l-istess aħna lill-ħbieb.

= Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 6.3. Aqra s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi aħdem mal-istudenti Attività A.

(Risposti: d-f-e-c-b-a)

=Aqsam l-istudenti fi gruppi u stedinhom jiddiskutu u jaħdmu flimkien Attività B.

= Aqra Attività C u wara li tiddiskuti l-istorja fakkar li biex tkun ħabib veru u l-ġbieb jittrattawk kif suppost, int trid titkellem u turi meta l-affarijiet ma jkunux mexjin sew.

= Agħlaq bis-song: The Friendship song. **(Għandek ukoll craft activity li inti tista tagħmel.)**

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1.Ħbieb tajbin huma mudell biex nimxu fuq il-passi tagħhom.



2.Il-ħbieb jgħinuna nkabbru l-ħiliet.

3. Il-ħbieb jgħallmuk kif iġġib ruħek fi gruppi.

4. Biex jikbru fil-ħbiberija rridu naqsmu l-ħin tagħhom mal-oħrajn.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Ejja nkunu ħbieb tajbin. Ejja ma nħallu lil ħadd waħdu.

**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/DVD ecc..**

Uri lit-tfal: http://www.youtube.com/watch?v=tKwhLP4Mwg8

li hija s-song.



**Nitolbu:**

Mulej Ġesu' igħinna nkunu mdawrin bi ħbieb tajbin biex nikbru b'saħħitna. Ammen.

